MALTA

# TRIBUNAL GĦALL-INVESTIGAZZJONI TA' INĠUSTIZZJI

**ONOR. IMĦALLEF
LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta ta' l-1 ta' Lulju, 2003

Saviour Duca
vs
Malta International Airport u b'digriet tal-15 ta' Frar 2000 giet korretta ghal Malta International Airport p.l.c.

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995 ir-rikorrent kien sofra pregudizzju u ingustizzja konsistenti fil-fatt illi (1) kien gie moghti promozzjoni fazulla li rriflettiet ruha f'diminuzzjoni tal-paga (2) kien gie mcahhad mill-promozzjoni ta' shift leader.
Illi l-fatti tal-kaz, fis-semplicita` taghhom kienu s-segwenti.

Illi fir-rigward ta' l-ewwel ingustizzja kommessa fil-konfront tar-rikorrent, referenza ssir ghall-avvenimenti tat-22 ta' Novembru 1991 fejn kien sar "memorandum of understanding" li permezz tieghu kienet saret sejha diretta

lill-impjegati bhar-rikorrent ta' Air Terminal Department, liema sejha kellha twassal ghall-appointment ta’ “safety and security frisker”.

Illi r-rikorrent, li kien diga` fl-impieg fl-"Air Terminal Department" bhala "airport attendant" kien intavola l-applikazzjoni in segwitu ta' din is-sejha.

Illi r-rikorrent, flimkien ma’ ohrajn, kien gie moghti dan il-grad.

Illi konsegwenza ta' din il-hatra huwa kellu jibbenefika minn awment u cioe` jircievi salarju fuq l-iskala li kienet l-eqreb salarju li kellu mpjegat tal-Gvern fl-istess livell u dan a bazi ta' ftehim li kien sar ghall-haddiema.

Illi fir-rigward tar-rikorrent gara l-oppost u sofra diminuzzjoni fil-paga b'mod illi kien gie tilef Lm90 fis-sena.

Illi fuq intervent ta' Fredrick Attard ex-shop steward fl-ezekuttiv tat-taqsima Port u Trasport tal-GWU ir-rikorrent kien ircieva Lm30 fis-sena pero` kien baqa’ jigi mcahhad mir-rimanenti bilanc.

Illi din l-ingustizzja ghadha tirrifletti ruha sal-lum.
Illi fil-konfront tat-tieni ingustizzja kommessa fil-konfront tar-rikorrent din kienet prolungat ruha fuq diversi snin.

Illi r-rikorrent kien applika ghall-grad ta' shift leader kull meta hargu l-applikazzjonijiet u cioe` fis-sena 1992, 1993, 1994 u 1995 izda ghalkemm huwa kellu diversi snin ta' esperjenza u seniority huwa dejjem kien gie maqbuz minn nies li kienu jigu juniors tieghu.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu, lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant, ir-rikorrent filwaqt li ghamel referenza ghal fuq espost u rriserva illi jressaq dawk il-provi l-ohra kollha li jistghu jkunu necessarji u opportuni, talab lil dan it-

Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji, u jinghata rimedju billi jigi (1) dikjarat illi fil-konfront tar-rikorrent giet kommessa ingustizzja meta giet (a) diminwita l-promozzjoni lilu moghtija (b) gie maqbuz ripetutament fl-ghoti tal-promozzjoni ghall-grad ta' shift leader (2) (i) illi jinghata l-beneficcji verament spettanti lilu ghar-rigward tal-promozzjoni moghtija lilu fis-sena 1991 b'lura (ii) u jinghata l-promozzjoni ta' shift leader mid-data li tidher xierqa lil din l-Onorabbli Qorti minghajr ma jigi mtellef kwalunkwe beneficcju versu promozzjonijiet futuri (3) u kumpens ta' hamest elef lira Maltija (Lm5000) sabiex jaghmlu tajjeb ghall-ingustizzji hekk sofferti.
Ra l-lista tax-xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**
Ra r-risposta tas-socjeta` Malta International Airport li eccepiet:

1. Illi in linea preliminari, ir-rikors odjern huwa irritu u null minhabba il-karenza ta' indikazzjoni cara tan-naha intimata f'dawn il-proceduri skond il-ligi.

2. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, skond Artiklu 5(4) ta' l-Att Numru VIII ta' l-1997 ["ATT BIEX JIPPROVDI GHAT-TWAQQIF TA' TRIBUNAL INDIPENDENTI GHAS-SMIEGH TA' ILMENTI TA' CERTI NGUSTIZZJI LI GRAW BEJN L-1987 U L-1995"]

*dan l-Att ma ghandu jkun japplika ghal ebda att jew ommissjoni li jkunu graw qabel id-9 ta' Mejju 1987 jew wara l-15 ta' Mejju 1995".*

Ghaldaqshekk stante illi r-rikorrent Calleja allega li "sofra pregudizzju u ngustizzja" fl-1 ta' Jannar 1997, dan hu barra miz-zmien li ghalih hu applikabbli l-Att VIII ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzi u ghalhekk qed jigi sottomess illi dan it-Tribunal m'ghandux jiehu konjizzjoni ta' l-ilmenti rikorrent.

3. Illi minghajr pregudizzji ghas-suespost u fil-mertu, ghar-rigward ta' l-ewwel ilment rikorrenti illi gie moghti

"promozzjoni fazulla li riflettiet ruhha f'diminuzzjoni tal-paga", il-fatti kienu s-segwenti:

i. Illi fil-31 ta' Dicembru 1991 meta r-rikorrent Duca kien fil-grad ta' **Attendant** qabel ma kien ingaggat mal-kumpanija intimata, is-salarju tieghu kien ta' Lm2,370 fis-sena.

ii. Illi fil-kumpanija intimata qatt ma kien jezisti l-grad ta' Safety and Security Frisker izda mill-1 ta' Jannar 1992 kien jezisti l-grad ta' Safety and Security I u mill-1 ta' Jannar 1995, il-grad kien beda jissejjah Security Assistant.

iii. Illi s-salarju tar-rikorrent Duca fl-1 ta' Jannar 1992 meta hu kien inghat l-hatra mal-kumpanija intimata ta' Safety and Security I kien ta' Lm2,568 fis-sena.

iv. Illi r-rikorrent kien ilmenta mal-GWU liema lment kien gie mressaq ghall-attenzjoni tal-kumpanija mis-Sur Jack Calamatta - Segretarju Generali tal-General Workers Union - fl-20 ta' Awissu 1996 u ghaldaqstant fis-17 ta' Settembru 1996 kienet saret laqgha bejn il-kumpanija intimata u l-General Workers' Union. Din ta' l-ahhar, kienet rapprezentata mis-sur Jack Calamatta u mis Sur Tony Zarb - Deputat Segretarju Generali tal-GWU.

v. Illi fil-laqgha msemmija hawn fuq il-kumpanija intimata kienet spjegat il-pozizzjoni taghha kif mfissra hawn fuq u kif komunikati lis-Sur Jack Calamatta bil-miktub fis-17 ta' Ottubru 1996.

vi. Illi ghalkemm il-kumpanija intimata fis-17 ta' Ottubru 1996 kienet talbet bil-miktub lill-GWU biex jekk l-Union jew l-avukat taghha kellhom xi nformazzjoni differenti minn dik li kellha s-socjeta` intimata, jghadduha lill-intimat, dan qatt ma kien sar.

vii. Illi mill-kotba tal-kumpanija intimata u abbazi ta' dak suespost, ma rrizultax li r-rikorrent Duca qatt kien "sofra diminuzzjoni fil-paga" aktar u aktar "b'mod illi gie tilef Lm90 fis-sena".

4. Illi ghal dawn ir-ragunijiet u ghal ragunijiet ohra li setghu rrizultaw waqt is-smiegh ta' dawn il-proceduri, gie sottomess li t-talba rikorrenti hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez, peress illi r-rikorrent Duca ma kien sofra ebda pregudizzju u ingustizzja konsistienti fil-fatt illi kien gie moghti promozzjoni fazulla li rriflettiet ruhha f'diminuzzjoni tal-paga.

5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u fil-mertu, ghar-rigward tat-tieni ilment rikorrenti illi "kien gie mcahhad mill-promozzjoni ta' shift leader" il-fatti kienu s-segwenti:

i. Illi ghal kull mili ta' vakanzi l-kumpanija intimata harget sejha interna ghal applikazzjonijiet.

ii. Illi hi procedura stabbilita fil-kumpanija intimata li ghal kull intervista li ssir jinghata Bord ta' l-Ghazla 'ad hoc' li jkun normalment minn Direttur tal-Kumpanija, il-Manager responsabbli mid-Dipartiment li fih tkun se timtela l-vakanza u mill-Manager Administration & Human Resources. Kull membru tal-Bord ta' l-Ghazla jkollu Assessment Sheet li jimla waqt l-intervista. Kull applikant bazikament jigi mistoqsi l-istess domandi u jigi assessjat separatament minn kull membru tal-Bord ta' l-Ghazla skond ir-risposta li jaghti. F'kaz ta' promozzjonijiet u mili ta' vakanzi l-kumpanija intimata timxi skond kriterji stabbiliti bil-Ftehim Kollettiv.

iii. Klawsola 22(a) tal-Ftehim Kollettiv tghid:
*"Meta taghti promozzjonijiet u/jew timla xi vakanzi mehtiega lill-fatturi bhal ma huma abbilta`, efficjenza, addattar, kwalifiki akkademici u mgieba generali fil-kumpanija".*

iv. Illi l-anzjanita` (seniority) tigi kunsidrata biss f'kaz li jkun hemm aktar minn impjegat wiehed li jkollu l-fatturi msemmija aktar 'il fuq kollha ndaqs u cioe "all things being equal seniority will prevail".

v. Illi skond Klawsola 22(a) tal-Ftehim Kollettiv, *"ikunu eligibbli ghal mili ta' vakanza fi grad oghla, dawk li jkunu f'linja diretta fil-grad/i li fih/fihom tkun se timtela l-vakanza".*

vi. Illi wara kull intervista, il-Bord ta' l-Ghazla li jkun mahtur apposta, jiccirkola rapport lid-Diretturi kollha tal-kumpanija intimata fejn dawn jigu mitluba biex japprovaw jew le r-rakkomdanazzjoni tal-Bord ta' l-Ghazla. Kemm ilha mwaqqfa l-Kumpanija, id-Diretturi qatt ma marru kontra r-rakkomandazzjoni tal-Bord ta' l-Ghazla.

vii. Illi kemm ilha mwaqqfa l-kumpanija intimata, i.e. mill-1 ta' Jannar 1992, Saviour Duca kien impjegat fis-Security Department tal-Kumpanija u l-vakanza ta' Shift Leader hi wahda relatata assolutament u direttament max-xoghol ta' Airport Attendant u ma ghandha x'taqsam xejn max-xoghol ta' Security. (Infatti Shift Leader hu Supervisor ta' l-Airport Attendants u kemm ilha mwaqqfa l-Malta International Airporta plc, din il-kariga dejjem kienet giet mimlija minn impjegat li , fi zmien il-kumpanija intimata, kien jokkupa l-kariga ta' Airport Attendant).

viii. Illi fis-7 ta' Ottubru 1992 il-kumpanija intimata kienet harget sejha ghall-applikazzjonijiet ghall-post ta' Shift Leader li, sad-data ta' l-eghluq taghha (16 ta' Dicembru 1992), kienu applikaw ghaliha 28 impjegat tal-kumpanija intimata.

ix. Illi l-intervisti ghal din il-vakanza kienu saru fil-21, 25 u 26 ta' Jannar 1993 (wiehed mill-applikanti ma attendiex).

x. Illi bhala rizultat ta' l-intervista Nicholas Vassallo (li kemm ilha mwaqqfa l-kumpanija intimata dejjem okkupa l-kariga ta' Airport Attendant) kien gie fl-ewwel post ta' u nghata l-hatra ta' Shift Leader.

xi. Illi fit-30 ta' Gunju 1993 il-kumpanija intimata kienet harget sejha ohra ghall-applikazzjonijiet ghall-post ta' Shift Leader peress li kienet inholqot vakanza ohra.

xii. Illi sad-data ta' l-eghluq ta' l-applikazzjonijiet (9 ta' Lulju 1993), il-kumpanija intimata kienet irceviet 24

applikazzjonijiet minghand impjegati taghha li kollha kienu gew mitluba jattendu ghal intervista fit-22 ta' Lulju 1993 (tnejn mill-applikanti ma attendewx).

xiii. Illi bhala rizultat ta' l-intervista Joseph Micallef (li kemm ilha mwaqqfa l-kumpanija intimata dejjem kien okkupa l-kariga ta' Airport Attendant ) kien gie fl-ewwel post u nghata l-hatra ta' Shift Leader.

xiv. Illi fl-1994 il-kumpanija intimata ma kenitx harget l-ebda sejha ghall-applikazzjonijiet ghall-post ta' Shift Leader u ghaldaqstant ir-rikorrent Duca ma kienx possibbli li xehet xi applikazzjoni.

xv. Illi fl-10 ta' April 1995 il-kumpanija intimata kienet harget sejha ohra ghal applikazzjonijiet ghall-post ta' Shift Leader peress li kienet inholqot vakanza ohra.

xvi. Illi sad-data ta' l-eghluq (17 ta' April 1995) il-kumpanija intimata kienet irceviet 28 applikazzjoni minghand impjegati taghha li kollha kienu gew mitluba jattendu ghal intervista li saret fl-1 ta' Gunju 1995 (disgha minn dawn l-applikanti ma kienux attendew).

xvii. Illi bhala rizultat ta' l-intervista Noe Baldacchino (li kemm ilha mwaqqfa l-kumpanija intimata dejjem kien okkupa l-kariga ta' Airport Attendant) kien gie fl-ewwel post u nghata l-hatra ta' Shift Leader.

xviii. Illi skond Artikolu 5(4) ta' l-Att Numru VIII ta' l-1997 "dan l-Att ma ghandu japplika ghal ebda att jew ommissjoni li jkunu graw qabel id-9 ta' Mejju 1987 jew wara l-15 ta' Mejju 1995".

xix. Illi peress l-ahhar hatra kienet saret wara l-15 ta' Mejju 1995, dan hu barra miz-zmien li ghalih hu applikabbli l-Att VIII ta' l-1997 u li tahtu kien sar dan l-ilment permezz tar-rikors odjern.

6. Illi ghal dawn ir-ragunijiet u ghal ragunijiet ohra li setghu rrizultaw waqt is-smiegh ta’ dawn il-proceduri, gie

sottomess li t-talba rikorrenti hija nfondata u ghandha tigi michuda bl-ispejjez.

Ra l-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati tas-socjeta` intimata.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**
Illi permezz ta' nota tas-17 ta' April 2000 ir-rikorrent irrileva li t-talba tieghu hi maqsuma fi tnejn u cioe`:

a) dik rigwardanti l-allegata ingustizzja konsistenti fin-nuqqas ta' ghoti tal-promozzjoni ghall-grad ta' Shift Leader.

b) dik rigwardanti l-allegata ingustizzja konsistenti fit-tnaqqis ta' flus mill-paga in segwitu ghall-promozzjoni minn Airport Attendant ghal Security.

Kwantu jirrigwarda l-ewwel talba (a) din saret diversi drabi u cioe` 12/10/92; 7/7/93 u 16/4/95.

Kwantu jirrigwarda t-tieni talba (b) il-perjodu relevanti huwa l-1 ta' Jannar 1992 sal-31 ta' Dicembru 1995.

Illi fil-15 ta' Frar, 2000 saret talba mir-rikorrent biex issir korrezzjoni fl-okkju tar-rikors u kull fejn tinsab biex wara l-isem tal-intimat jizdiedu l-ittri p.l.c. Saret il-korrezzjoni u notifika. Ra d-digriet ta' korrezzjoni tad-19 ta' Mejju 2003.

Ra li fit-12 ta' Lulju, 2000 l-ilment kien ibbazat fuq id-differenza fis-salarju mill-1 ta' Jannar 1992 'l quddiem ta' bejn LM60 u LM90 fis-sena.

Ra li fil-21 ta' Mejju, 2003 ir-rikorrent iddikjara li kien qieghed jirtira l-parti tal-ilment tieghu riferibbli ghal Shift Leader filwaqt li zamm ferm il-kumplament tat-talba.

Xehed Frederick Attard Senior Officer il-Malta International Airport li semma li lir-rikorrent jafu u ilu jafu mill-1986. Qal li sal-1994 hu kien shopsteward u kien fl-ezekuttiv tat-Taqsima Port u Trasport. Kien ukoll involut fin-negozjati tal-ewwel Collective Agreement li sar fl-1992 u fin-negozjati ta' qabel fejn saru *ad hoc* arrangements biex isir it-trasferiment tal-impjegati tal-Gvern fl-1 ta' Jannar 1992 mal-MIA u nghataw salaraji *ad hoc* li l-haddiema kollha gew infilzati fihom. Dawn is-salarji gew ibbazati fuq il-progezzjonijiet li kellu l-Gvern ghal dawk l-istess impjegati ghall-1992, 1993 u f'dan ir-rigward ir-rikorrent kien gie infilzat hazin fis-salary scales.

Semma li mal-Gvern ir-rikorrent kien Airport Atendant izda naghta appointment ta' Security Assistant mal-MIA. Qal li bi zball kienu nghataw Lm2538 minflok Lm2568 bhala Security Assistants. Semma li r-rikorrent kien wiehed minn tlieta li sar hekk. Ir-rikorrent kien ghamel appell fuq dan l-izball u nghata il-paga ta' Lm2598 li kien zbaljat ukoll avolja kien hemm miljorament, ghaliex il-paga tieghu suppost kellha tkun ta' Lm2658 biex tkun *in line* anke ghas-salarju tal-1993 a paragun mal-Gvern li mal-MIA kellu jitla' ghal Lm2778 plus il-*cost of living increase* ta' Lm78 u dan ma sarx.

Ir-rikorrent kien qallu li kien sar adjustment u qalulu biex ikunu kuntent bih. Dwar dan l-adjustment ix-xhud qal fit-12 ta' Novembru 1992 f'ittra indirizzata lir-rikorrent mill-Human Resources Executive, is-Sur Alfred Mangion, intqal li mir-records taghhom ir-rikorrent b'effett mill-1 ta' Jannar 1992 kien qed jircievi l-paga ta' Lm2538 fis-sena minflok Lm2568. Semma li l-figura Lm2568 tnizzlet bhala Lm2658. Qal li probabbli hemm kien sar l-izball, minn Lm2658 kienu ghamluh Lm2568. L-ittra tkompli tghid li l-paga bazika issa giet adjusted ghal Lm2568 fis-sena u li r-rikorrent ser jircievi l-arretrati minn Jannar 1992 flimkien mal-paga ta' Novembru. Semma li r-rikorrent kull ma ha kien xi Lm30 biss. Qal li r-rikorrent suppost inghata l-paga

ta’ Lm2658 plus l-adjustment tal-collective agreement biex imbaghad wara kien jidhol in line ma’ shabu ghall-Lm2778 plus is-Lm78 tal-collective agreement.

Xehed ir-rikorrent fejn semma li huma kienu ghamlu interview u kienu lahqu l-maximum ta’ porter u riedu li jidhlu security u ghalhekk kienet li wara l-maximum ta’ porter kienu ha jidhlu ghal security. Semma li pero` kienu poggewhom fuq il-minimum tas-security u l-konsegwenza kienet li wara li hadu promozzjoni, minflok spiccaw b’Lm90 minn taht.
Xehed John Calleja li ma jiftakarx jekk bhala salarju zdidtx minn meta mar minn mal-Gvern ghall-MIA.

Xehed George Falzon li ftakar li kien attendant 2 mal-Gvern u mbaghad spicca mal-MIA u sar Security 1. Semma li meta bidlu minn mal-Gvern ghal mal-MIA tilfu Lm90 fis-sena u mbaghad kienu qalulhom li ha jergghu jiehduhom ftit ftit pero` darba zieduhom Lm30. Ikkonferma li ghalhekk flus kien ha inqas. Ic-cekk kien ikbar u dan seta’ kien minhabba li kien ikun hemm l-allowance tal-Hdud.

**KONKLUZJONIJIET:**
Illi ghalhekk jirrizulta li meta r-rikorrent gie trasferit ghal mal- MIA hu suppost li kien inghata LM90 paga aktar. Wara ftit zmien din giet rimedjata parzjalment sa LM30 izda kien baqa’ diskrepanza ta’ LM60 fis-sena li sofra r-rikorrent u cioe’ sal lum ghal 13-il sena ghal LM 60 jammonta ghal LM780. Din tammonta ghal ingustizja fit-termini tal-Kap 394 meta inghataw il-hatra.

Peress li ghalhekk isib l-ilment gustifikat, u peress li ma jistax f’dan il-kaz jordna rimedju kompensattiv, it-Tribunal jirrikmanda li jsir hlas ta’ kumpens ta’ seba’ mija u tmenin lira [LM780].

Spejjez kontra s-socjeta` intimata.

---------------------------------TMIEM---------------------------------